31 ta' Ottubru, 1955

*Imħallfin :*

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President*;
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Mary Bugeja Flery et. *versus* Emmanuele Sammut

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Destinazzjoni tal-Fond — Hjata.**

***Il-fatt li xi membru tal-familja ta' l-inkwilin jagħmel xi xogħol ta' entità żgħira fil-fond mikri lil dak l-inkwilin, bħal ma hu dak ta' ħjata u xogħol affini, biex ikompli u jissupplixxi għall-bżonnijiet tal-familja, ma jikkostitwix kambjament fid-destinazzjoni tal-fond li jawtorizza lis-sid jerġa' jieħu taħt idejh dak il-fond.***

***Skop tal-liġi mhux dak li tavvantaġġja lis-sid b'mod li dan ikun jista' japprofitta ruħu minn kwalunkwe ċirkustanza, anki l-aktar żgħira u ġenwina, biex jipprivà lill-inkwilin mid-dgawdija tal-fond lilu mikri.***

Il-Qorti; — Rat ir-rikors ta' Mary u Aida aħwa Bugeja Flery quddiem il-Board li Jirregola l-Kera, fejn talbu sabiex jerġgħu jieħdu taħt idejhom il-fond numru 87, Tonna Street, Sliema, mikri lill-intimat Emmanuele Sammut, u dana peress li biddel id-destinazzjoni tiegħu;

Rat is-sentenza mogħtija minn dak il-Board fit-13 ta' Ġunju, 1955, li biha ġiet miċħuda t-talba, bla taxxa ta' l-ispejjeż; wara li kkunsidra;

Illi ma hux kontestat li bint l-intimat qegħedha tagħmel, minn xi erbgħa jew ħames snin 'l hawn, xogħol ta' kisi ta' buttuni u anki ta' *bokkli*; għal dan ix-xogħol l-iżjed li daħ-

ħlet kien xi £3 fil-ġimgħa, u fil-preżent qegħedha taqla' medja ta' xi 10s. fil-ġimgħa; ġie li anki għamlet xi aġġjorni; dana x-*xogħol* isir fil-kantina; lavranti qatt ma kellhom, u anqas tabelli jew avviżi biex juru li hemm isir dan ix-xogħol; dana x-*xogħol isir bi pressa żgħira*;

Illi l-kwistjoni li għandha tiġi deċiża hija jekk bix-xogħol li tagħmel *it-tifla* ta' l-intimat tbiddletx jew le d-destinazzjoni tal-fond;

Illi, biex isostnu t-teżi tagħhom, ir-*rikorrenti* għamlu riferenza għad-deċiżjoni tal-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà Tagħha r-Reġina tat-22 ta' Jannar, 1954, in re "Rosario *Micallef* vs. *Walter Borg*", *fejn ġie ritenut li*, billi kien qiegħed jaħdem ta' mastrudaxxa f'waħda mill-kmamar, ġie biddel *id-destinazzjoni tal-fond* li kien lilu mikri għall-abitazzjoni tiegħu; u mill-parti tiegħu l-intimat għamel riferenza għal sentenza ta' l-istess Onorevoli Qorti mogħtija fis-16 ta' Ġunju, 1952, in re "Michele Galea vs. Emmanuele Bianco et.", fejn ġie stabbilit li mill-fatt li *Angiolina* Bianco, oħt l-intimat, kienet tħit għan-nies fid-dar, u għalkemm kienet otteniet il-permess tal-Pulizija biex tevita li tkun fi stat *kontravvenzjonali, b'dana ma* ġietx *mibdula* d-*destinazzjoni* tal-fond;

Illi bejn dawn id-deċiżjonijiet ma hemmx konfliġġenza; *għaliex fil-ħin* li fil-każ ta' Walter Borg dana kien jokkupa waħda miż-żewġ kmamar tal-fond, u għal żmien konsiderevoli, qabel *ma impjega* ruħu, kien jaqla' l-għajxien tiegħu mix-xogħol li kien jagħmel fil-fond, fil-każ l-ieħor Angiolina Bianco kienet taħdem ta' *ħajjata* fil-kamra tagħha fejn kellha l-abitazzjoni tagħha, u la kellha tabelli u lanqas sinjali oħra li juru lill-publiku li kienet qegħedha teżerċita f'dak il-fond il-mestjer tagħha ta' ħajjata. F'dan l-aħħar każ il-Qorti rriteniet li "l-iskop tal-liġi mhux dak li *tavvantaġġja* lis-sid *b'mod* li *jkun jista' japprofitta ruħu minn* kwalunkwe ċirkustanza, anki l-iżjed żgħira u ġenwina, biex jippriva l-in*kwilin mid*-dgawdija tal-ħaġa lilu mikrija", u għamlet riferenza għad-deċiżjoni mogħtija minnha fit-30 ta' Ġunju, 1947, in re "*Briffa* vs. *Duca*";

Illi fil-fehma tal-Board, fil-każ in eżami ma kienx hemm dak it-tibdil fid-destinazzjoni tal-fond li trid il-liġi biex twas-

sal għat-telfien tad-dgawdija tal-ħaġa mikrija. Infatti, ix-xogħol li tagħmel it-tifla ta' l-intimat mhux biss huwa ta' entità żgħira, imma anqas jirrikjedi attenzjoni oħra ħlief pressa żgħira ħafna li biha jkun jista' jsir il-kisi tal-buttuni u tal-bokkli. Inoltre, ġie stabbilit li ebda tabella jew sinjal ieħor ma għandu l-intimat biex juri lill-publiku li hemm isir ix-xogħol ta' kisi ta' buttuni;

Illi huwa fatt risaput illi, stante l-eżiġenzi tal-ħajja, il-maġġur parti tal-familji għandhom xi membru tal-familja, oltre l-kap, li jaħdem biex jissupplixxi għall-bżonnijiet tal-familja li l-paga tal-kap weħedha ma tistax tissodisfa, u għal-hekk min joħroġ jaħdem barra u min jibqa' jaħdem xi ħaġa d-dar, bħal ma hu xogħol ta' ħjata, "knittings", xogħol ta' ħelu għal bejgħ, u xogħol ieħor simili, li, fil-waqt li jsir għall-qliegħ, ma jistax jiġi kunsidrat bħala li jista' jbiddel id-destinazzjoni tal-fond;

Illi huwa wisq sintomatiku li, meta r-rikorrenti ndunaw li kien jsir ix-xogħol in kwistjoni mit-tifla ta' l-intimat, ipproponew li jgħollu l-kera minn £43 fis-sena għal £80 — proposta li wisq naturalment ma setgħetx tiġi aċċettata;

Illi, fil-fehma tal-Board, hemm lok għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż, peress li huwa wisq diffiċili li jiġi stabbilit "a priori" liema xogħol iġib tibdil fid-destinazzjoni ta' fond, u kull każ ikun irid jiġi eżaminat fil-fattispeċje tiegħu;

Rat ir-rikors ta' l-imsemmijin Mary u Aida aħwa Bugeja Flery quddiem din il-Qorti, fejn talbu li l-imsemmija sentenza tiġi revokata, billi tiġi milqugħa t-talba tagħhom; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi din il-Qorti taqbel mal-konklużjoni li għaliha wasal il-Board tal-Kera fis-sentenza appellata, u tagħmel tagħha r-raġunijiet li fuqhom dik is-sentenza tinsab bażata;

Għaldaqshekk;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-appellanti Mary u Aida **Bugeja Flery**.